# L-ARAZZI TAL-PALAZZ TAL-GRAN MASTRU JIBDEW VJAĠĠ TA' RESTAWR FIL-BELĠJU

**Stqarrija | 17 ta' Ġunju 2024**

Heritage Malta tħabbar il-bidu ta' proġett ta' restawr ta' sentejn għall-arazzi tal-Palazz tal-Gran Mastru fil-Belt Valletta. L-arazzi ikoniċi, teżor fihom infushom, sebbħu s-Sala tal-Arazzi għal aktar minn tliet sekli u se jkunu qed jiġu rrestawrati għand id-De Wit Royal Manufacturers fil-Belġju.

L-arazzi kienu ġew ikkummissjonati mingħand il-famużi Gobelins ta' Pariġi mill-Gran Mastru Ramon Perellos y Roccaful fl-1708, bħala parti mill-'gioia' tiegħu – rigal lill-Ordni fl-okkażjoni tal-ħatra bħala Gran Mastru. Huma juru xeni eżotiċi ta' flora u fawna minn artijiet ġodda li kienu ġew skoperti fis-seklu ta' qabel, u ilhom miżmuma b'għożża fil-Palazz tal-Gran Mastru sa mill-1710, wara vjaġġ iebes li kien għoddu wassal għat-telfa tagħhom f'idejn il-kursara. Dan huwa l-uniku sett sħiħ ta' arazzi li għadu jeżisti maħluq fuq il-cartoons oriġinali, magħrufa bħala 'Tenture des Indes', li jinsabu wkoll fil-Palazz Irjali ta' Versailles, disponibbli biex jarahom il-pubbliku.

Għalkemm preservati tajjeb ħafna, l-aktar billi ftit li xejn kienu esposti għad-dawl u sarulhom interventi ta' restawr matul is-sekli, dan il-proġett għand id-De Wit Royal Manufacturers, magħrufa għall-kompetenza tagħhom fil-konservazzjoni tal-arazzi, huwa maħsub biex inaddaf, jikkonsolida u jikkonserva l-arazzi għall-ġejjieni.

L-għaxar arazzi kbar, li kull wieħed minnhom jiżen madwar 40 kilo, flimkien ma' sitt pannelli tat-twieqi u wkoll pannell ta' mal-bieb, tneħħew b'reqqa kbira mill-Palazz u ġew trasportati lejn il-Belġju matul l-aħħar ġimgħa ta' Mejju. Il-proċess tal-konservazzjoni se jinkludi t-tneħħija ta' inforra antika, tindif fil-fond bl-użu ta' tekniki ta' vakum u aerosol biex jiġi evitat li l-kuluri jerħu, u t-tisħiħ tal-partijiet dgħajfa tal-ħarir b'materjali miżbugħa biex jaqblu perfettament.

Waqt li l-arazzi mhumiex fil-Palazz, Heritage Malta se tirrestawra s-Sala tal-Arazzi nfisha, magħrufa wkoll bħala s-Sala tal-Gran Kunsill tal-Palazz, ħalli din tkun lesta biex tilqa' fiha l-arazzi bl-aktar mod sigur ladarba dawn jiġu lura. Il-proġett jinkludi r-restawr tas-saqaf uniku tagħha, is-suffitt impitter, l-affresk, u tiswija tal-art u t-travi.

Noel Zammit, il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, enfasizza l-importanza tal-proġett: "Dan ir-restawr mhux biss jippreserva l-arazzi imma jinvesti wkoll fis-sala kollha, biex b'hekk jiżgura li dan il-wirt ikun imħares għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin. Barra minn hekk, jieħu wkoll l-akbar proġett tal-aġenzija s'issa lejn fażi ġdida."

L-arazzi mistennija jkunu lura Malta sa nofs l-2026, meta jerġgħu jiddendlu fid-dar restwrata tagħhom biex ikomplu jaffaxxinaw lill-viżitaturi bi sbuħithom.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta